**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Sean Scicluna]**

**vs**

**Charmain Camilleri**

**Kumpilazzjoni Numru: 570/16**

**Illum, 7 ta' Ottubru, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Charmain Camilleri detentrici tal-karta tal-identita` numru 0300576M akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer; fis-sena 2016, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. billi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor,

ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, biex taghmel qliegh ghaliha jew ghal persuni ohra, ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5000) ghad-dannu ta' Patrick Mercieca u/jew Emanuel Lewis;

2. u aktar talli, bi hsara ghall-haddiehor, ghamlet xi qligh iehor ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5000) ghad-dannu ta' Patrick Mercieca u/jew Emanuel Lewis;

3. u aktar talli approprijat ruhha, billi dawret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5000) minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, ghad-dannu ta' Patrick Mercieca u/jew Emanuel Lewis, liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilha minhabba l-professjoni,

industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha, jew minhabba depozitu necessarju

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Art. 18, 308, 309, 310(1)(b), 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni u stante li l-imputata kkonfermat l-akkuzi kif dedotti anke wara li nghatat zmien opportun sabiex tahsibha u wara li l-Qorti wissietha bi kliem semplici l-import tal-piena li tista' tehel, il-Qorti qed issib lill-imputata Charmain Camilleri hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannaha

sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin filwaqt illi hija ghandha thallas is-somma ta' tliet elef u erba' mitt ewro (€3,400) lill-parte civile fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputata Charmain Camilleri r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

-----------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**